## LILL-BAĦAR

*Ersaq, mewġ ħelu, ersaq;*
*Dur ħiemed ma' riġlejja;*
*U bħal fiż-żmien l-imgħoddi*
*Itbewwes ma' ħaddejja.*

*Ħienja semmili l-għanja*
*Li ma taf qatt xjuħija;*
*Urini kif ġmiel ħdanek*
*Jista' jġib ferħ ġo fija.*

*U qiegħed ma' dwar għonqi*
*Il-bjuda minn ta' drieghek,*
*U f'bewsa liema bħalha*
*Ħudni hemm ngħammar miegħek*

*Fejn ħut imdieheb qawsalla*
*Jiġġerra qalb il-ħdura,*
*Imbagħad tnejn tnejn jiltaqa'*
*F'imkejjen ftit mistura;*

*U hemm għanja ta' mħabba*
*Tidwi bħal holma bnina,*
*U sa ġo l-blat u x-xagħri*
*Tinħass il-ħlewwa fina;*

*Hemm fejn iż-żmien le jaħkem,*
*U l-qerq minn ta' dil-ħajja,*
*U d-dmugħ ta' tmiem il-hena,*
*Ta' swied il-qalb il-ġrajja.*

*L-hemm biss tal-bniedem kiefer*
*Jitfa' bħal dell fuq wiċċek;*
*Tiġbor 'l uliedek, tibża'*
*Xħin ġej tarah jfittxek;*

*U bħal ħalliel fil-ħemda*
*Tiddendel is-sunnara;*
*Tferfira w għajta, u tonqos*
*Waħda mn'uliedek tara.*

*Hekk, hekk il-bniedem, mgħaddab*
*Għax-xorti kerha tiegħu,*
*Fik jaqbad u lejn il-qerda*
*Irid ikaxkrek miegħu.*

*Imma tibżax; it-tieba*
*Tirbaħ tara lid-dnewwa;*
*Tikber, toktor saltnatek*
*Taħt il-ġwenħajn tas-Sewwa...*

*Hemm, hemm ħallini niġi;*
*Għattini bil-mewġ tiegħek.*
*Naħrab irrid dil-ħajja*
*Biex niġi ngħammar miegħek.*

23/6/50. G. B. CASSAR.

## ~~IŻ-ŻMIEN, ISAJRU 'L-BAJTAR!~~

~~*Id-dinja ddur;*~~
~~*Ir-roti wkoll,*~~
~~*Fejn wieti kien*~~
~~*illum sar skoll!*~~

~~*U fejn kien borġ,*~~
~~*twil mogħla sur,*~~
~~*tibki tarah!*~~
~~*Illum sar bur!*~~

~~R. MIFSUD BONNICI.~~